REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2062

tat-23 ta' Awwissu 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 ([2]) jipprevedi d-dettalji ta' kif għandu jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023, wara rakkomandazzjoni konġunta sottomessa mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, minn Franza, min-Netherlands u mill-Iżvezja ("il-Grupp Scheveningen").

(2) Skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2014, ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art huma applikabbli b'mod proviżorju sal-31 ta' Diċembru 2021. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jissottomettu evidenza xjentifika addizzjonali li tappoġġja l-eżenzjoni. Jenħtieġ li l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") jivvaluta l-evidenza sottomessa sal-31 ta' Lulju 2021.

(3) Fit-30 ta' April 2021, il-Grupp ta' Scheveningen, wara li kkonsulta mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana u mal-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, issottometta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li fiha talab il-kontinwazzjoni ta' ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art lil hinn mill-2021 u pprovda informazzjoni xjentifika addizzjonali. Fis-26 ta' Lulju 2021, il-Grupp ta' Scheveningen issottometta verżjoni riveduta tar-rakkomandazzjoni konġunta.

(4) L-STECF ([3]) irrieżamina r-rakkomandazzjoni konġunta f'Mejju 2021. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz tal-att delegat lil grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri fis-16 ta' Lulju 2021 f'laqgħa li għaliha attenda l-Parlament Ewropew bħala osservatur.

(5) Il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, PTB) b'daqs tal-malja ta' 90–119 mm u mgħammra b'ċerti pannelli fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES"). Il-Grupp ta' Scheveningen talab li titwessa' l-eżenzjoni biex jiġi permess pannell b'malja kwadra ta' mill-inqas 120 mm fix-xbieki fis-subdiviżjoni Kattegat tal-ICES mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena. L-STECF innota ([4]) li l-informazzjoni xjentifika addizzjonali pprovduta mid-Danimarka tikkonferma li s-sopravivenza tal-qbid skartat tal-barbun tat-tbajja' se tkun simili jew aħjar għad-daqsijiet akbar tal-malji, inkluż is-SELTRA u l-pannelli b'malji kwadri ta' 120 mm, meta mqabbla mad-daqs tal-malja 80–99 permess għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-eżenzjoni titwessa' biex tinkludi pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm fi xbieki tat-tkarkir fis-subdiviżjoni Kattegat.

([1]) ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023 (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 10).

([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

([4]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d, p. 23–24.

(6) Il-paragrafu 11 tal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80–119 mm fis-subżona 4 tal-ICES. Il-Grupp ta' Scheveningen talab li l-eżenzjoni tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023 u ssottometta informazzjoni xjentifika ġdida. L-STECF ivvaluta dik l-evidenza u kkonkluda ([5]) li r-rakkomandazzjoni konġunta tindirizza fil-biċċa l-kbira l-kwistjonijiet identifikati mill-STECF fil-valutazzjonijiet preċedenti tiegħu. B'mod partikolari, l-istima tal-kostijiet ta' ħatt l-art ta' qabdiet mhux intenzjonati hija sinifikanti u teħtieġ xogħol addizzjonali sostanzjali abbord. L-STECF irrikonoxxa wkoll il-kwistjonijiet u l-isfidi involuti fit-titjib tas-selettività f'dan is-sajd. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-eżenzjoni tinżamm sal-31 ta' Diċembru 2023.

(7) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 huwa emendat kif ġej:

1. Il-punt (c)(ii) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) b'daqs tal-malja ta' 90–119 mm mgħammra b'pannell Seltra b'pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' 140 mm (malja kwadra), b'daqs tal-malja ta' 270 mm (malja maqrut), b'daqs tal-malja ta' 300 mm (malja kwadra), jew fis-subdiviżjoni Kattegat, malja kwadra ta' mill-inqas 120 mm fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru kull sena li jimmiraw għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;".

2. Il-punt (11) tal-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(11) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80–119 mm fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

kwantità ta' merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 2 % tal-qabdiet annwali totali ta' barbun tat-tbajja' u lingwata;".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d, p. 20–21.